**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 4 TA' DICEMBRU, 2001

**Numru: 1**

**Avviz Nru: 1307/01 AE**

**Allied Newspapers Ltd**

**vs**

**Alex sive Sandro Grima**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u ghaxar liri Maltin u hmistax-il centezmu (Lm310.15) hlas dovut ghal servizz ta' reklamar moghti lill-konvenut fuq inkarigu tieghu.

Semgha lill-avukat Dr. Aaron Bugeja jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li sal-lum l-ammont mitlub ghadu dovut.

Ra li l-konvenut ghalkemm notifikat bl-avviz tat-talba baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher fis-seduti tat-30 ta' Novembru 2001 u tal-lum.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkudanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u ghaxar liri Maltin u hmistax-il centezmu (Lm310.15), bl-imghax li ghandu jiddekorri wara tletin mid-data ta' kull invoice.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**